MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 109/2007

**ID-DIRETTUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

vs

Tonio **CASAPINTA**, Casapinta Design Group Limited (C – 9216), Sign-It Limited (C – 32228) u Paul Reuben Caruana

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Jannar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti ssib lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, ħatjin ta' disprezz għall-awtorita' tagħha u tikkundannahom għall-pwieni preskritti mil-liġi, wara li xlihom li naqsu li joqogħdu għal ordni mogħti lilhom minn din il-Qorti f'Marzu tal-2006, fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni, meta żammithom milli jibqgħu jinqdew bl-isem "*Arena*" jew "*Arena I*" jew b'kull isem ieħor li jinkludi l-kelma "arena" fin-negozju tagħhom. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Frar, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur għat-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-5 ta' Marzu, 2007, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex sa minn meta nħareġ kontrihom il-Mandat ta' Inibizzjoni, huma għamlu bidliet fis-sistema ta' reklamar tagħhom dwar l-istruttura (u kif ukoll tal-isem li bih hija magħrufa mal-pubbliku) u l-fatt li baqa' jidher l-isem tad-ditta barranija li għamlitha ma jistax jitqies bħala għamil ta' disprezz;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Settembru, 2008[1], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin Tonio Casapinta u Casapinta Design Group Limited b'rikors tagħhom tat-30 ta' Jannar, 2008, awtorizżat lill-imħarrkin iressqu Tweġiba Maħlufa ulterjuri;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ulterjuri mressqa mill-imħarrkin Tonio Casapinta u Casapinta Design Group Limited fl-24 ta' Settembru, 2008, li biha żiedu jilqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li m'humiex il-kontradditturi leġittimi tal-istess azzjoni attriċi u għandhom jinħelsu milli jibqgħu aktar fil-kawża, u billi, fil-mertu, huma ma kellhom l-ebda sehem fl-għamil attribwit mill-attur bħala att ta' disprezz, minħabba li huma kienu qatgħu kull rabta mat-tmexxija tal-istruttura sa minn qabel ma kien inħareġ il-Mandat. Għal raġuni

[1] Paġ. 58 tal-proċess

mhux magħrufa, l-istess imħarrkin ressqu Tweġiba Maħlufa oħra fis-6 ta’ Jannar, 2009, kelma b’kelma bħal dik ta’ qabilha;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Ġunju, 2009, li bih ordnat lill-attur iressaq Nota b’dikjarazzjoni dwar jekk fadallux iressaq provi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-attur waqt is-smigħ tal-4 ta’ Novembru, 2009, li biha stqarr li l-attur ma kienx għad fadallu provi x’iressaq;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża u wkoll dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li għalih jirreferu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta’ Marzu, 2011 li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara ordni li ngħata mill-Qorti b’Degriet *in camera* tas-17 ta’ Awissu, 2006[2], qiegħed jixli lill-imħarrkin b’għamil li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti. Dan jikkonsisti filli huwa jallega li, minkejja ordni mogħti lilhom f’degriet li laqa’ talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni biex ma jużawx aktar il-kelma “*Arena*” f’reklamar tagħhom dwar struttura li kienu ġabu minn barra, kisru dan l-ordni billi ġabu reklam f’rivista li titqassam abbord ajruplani ċivili fejn intweriet mill-ġdid u b’mod prominenti l-kelma “*Arena*”. L-attur jgħid li dan il-fatt jissarraf fi ksur tal-ordni mogħti mill-Qorti u jammonta għal att ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-istess Qorti. Qiegħed jitlob li l-imħarrkin jingħataw il-pwieni li trid il-liġi għal ksur bħal dan;

[2] Paġġ. 4 – 5 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqgħu billi qalu li m'għamlu xejn li jista' jitqies bħala mġiba ta' disprezz u dan għaliex, sa minn dak inhar li nħareġ il-Mandat, bidlu kulma setgħu biex ma jinqdewx aktar bil-kelma "*Arena*". Fil-każ tal-imħarrkin Casapinta u Casapinta Design Group Limited, dawn laqgħu billi qalu li huma qatt ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża għaliex huma qatt ma kienu mdaħħlin la fix-xiri u lanqas fit-tħaddim tal-istruttura jew l-attivitajiet li kellhom x'jaqsmu magħha;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-28 ta' Frar, 2006[3], il-kumpannija Eden Leisure Group Limited kienet ressqet talba quddiem il-Qorti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin. Talbet li l-intimati jinżammu milli "jagħmlu użu ta' l-isem 'Arena' jew 'Arena 1' u/jew kull isem ieħor li jinkludi l-isem 'Arena' fin-negozju tagħhom, inkluż bħala l-isem jew parti ta' l-isem ta' xi soċjeta' li bi ħsiebhom jinkorporaw". B'degriet tas-7 ta' Marzu, 2006[4], din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talba u ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin[5]. Dak iż-żmien, l-intimati, jew min minnhom, kienu qegħdin jaħsbu biex iġibu f'Malta tinda kbira magħmula minn kumpannija ingliża bl-isem ta' Arena Structures, biex tintrama u tintuża bħala post fejn isiru attivitajiet, fieri, kunċerti, konferenzi u spettakli;

Illi fit-28 ta' Lulju, 2006[6], Eden Leisure Group ressqet rikors quddiem il-Qorti li bih ilmentat li, minkejja l-ordni magħmul fl-imsemmi Mandat, l-imħarrkin xorta waħda komplew jużaw il-kelma 'Arena' billi ġabu reklam f'rivista li titqassam fuq titjiriet ċivili, u talbet lill-Qorti tieħu passi għal disprezz kontra l-istess imħarrkin. L-imħarrkin wieġbu fil-11 ta' Awissu, 2006[7];

Illi b'degriet kamerali mogħti fis-17 ta' Awissu, 2006, din il-Qorti (diversament presjeduta) għar-raġunijiet hemm

[3] Paġġ. 17 – 8 tal-proċess
[4] Paġ. 20 tal-proċess
[5] Deg 336/06
[6] Paġġ, 6 – 7 tal-proċess
[7] Paġġ. 41 – 2 tal-proċess

imfissra, sabet li mad-daqqa t'għajn kien jidher li tassew li nkiser l-ordni magħmul fil-Mandat u ordnat lill-attur jibda l-proċediment kontrihom għal disprezz. Fil-31 ta' Jannar, 2007, l-attur fetaħ din il-kawża biex jagħti seħħ lill-ordni mogħtija lilu f'dak id-degriet;

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Dawn jolqtu kemm aspetti preliminari jew proċedurali u wkoll apprezzament fattwali li jduru mal-kwestjoni tal-imġiba tal-imħarrkin fid-dawl tal-ordni mogħti minn qorti dwar Mandat minnha maħruġ;

Illi huwa stabilit fid-dritt li l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, u fost tali ordnijiet wieħed isib il-ħruġ tal-Mandati (kemm esekutivi u kif ukoll kawtelatorji);

Illi l-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat[8]. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt"*[9]. Jibqa' jħaddan din il-karatteristika, ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċediment ċivili[10];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha[11]. Dan l-element intenzjonali huwa wieħed meħtieġ u kostitutiv tal-aġir tad-disprezz, b'mod li mingħajru ma jsir l-ebda disprezz[12]. Iżda dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot

---

[8] Ara, per eżempju, C.J. Miller Contempt of Court (2nd. Edit, 1990), paġġ. 25 – 9

[9] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

[10] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)

[11] P.A. RCP **12.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Anna Mizzi***

[12] P.A. **27.1.1984** fil-kawża ***Il-Qorti vs Buckingham*** (Kollez. Vol: **LXVII.iii.7**)

lill-imħarrek li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[13];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[14];

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[15]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[16];

Illi dan il-każ jippreżenta żewġ elementi partikolari: fl-ewwel lok, tnejn mill-partijiet imħarrkin jgħidu li huma ma kellhox x'jaqsmu xejn mal-ġrajja kollha sa minn qabel ma nħareġ il-Mandat li l-ordni tiegħu llum huma mixlijin li ma qagħdux għaliha; fit-tieni lok, tnejn mill-imħarrkin huma persuni ġuridiċi;

Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin Casapinta u Casapinta Design Group (CDG), l-Qorti tgħid li d-difiża tagħhom hija fis-sens li huma qatt ma kellhom

---

[13] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[14] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

[15] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

[16] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

sehem f'dak li ġara, iżda ddaħħlu biss fiż-żifna minħabba li l-kumpannija li kienet talbet il-ħruġ tal-Mandat kienet għaddithom flimkien maż-żewġ intimati l-oħrajn. Casapinta u CDG ressqu xhieda biex juru li, għalkemm kien minnu li, f'xi żmien (li ma speċifikawx) kien hemm il-ħsieb li huma jixxierku mal-imħarrek Caruana u l-kumpannija tiegħu (Sign-It) biex iġibu f'Malta l-istruttura, u jħaddmuha. Dan il-ħsieb ma seħħx u Caruana u Sign-It intrabtu ma' ħaddieħor fil-biċċa kollha;

Illi jidher li, għalkemm kienet il-kumpannija mħarrka Sign-It li dehret bħala l-moħħ wara din l-inizzjattiva, sa minn qabel ma nħareġ il-Mandat, isem l-imħarrek Casapinta kien qiegħed jissemma wkoll bħala "*company shareholder*" tal-kumpannija li kellha titwaqqaf biex tmexxi l-istruttura[17]. Matul il-proċeduri tal-Mandat, la Casapinta u lanqas CDG ma qalu xejn li huma ma kinux (għadhom) imdaħħlin fin-negozju, u, bħal-mħarrkin l-oħrajn, laqgħu billi qalu li l-Mandat ma kellux jintlaqa'. Kull notifika li saret b'rabta mal-istess Mandat saret lill-erba' intimati separatament f'indirizzi differenti. Dawn huma elementi li normalment juru li kull wieħed mill-intimati fl-atti tal-Mandat kien jaf b'dawk il-proċeduri u kull ordni mogħtija bis-saħħa tal-istess Mandat ikun jorbothom personalment ilkoll;

Illi, madankollu, f'dan il-każ u wkoll minħabba n-natura ta' dawn il-preżenti proċeduri, toħroġ ċirkostanza li tista' tolqot bis-sħiħ il-kwestjoni tar-responsabbilta' tal-għamil attribwit mill-attur. L-imħarrek Casapinta xehed li meta bdew il-kwestjonijiet ma' Eden Leisure Group Limited dwar dan il-każ, l-imħarrkin qabbdu lill-istess avukat. Casapinta jgħid li l-avukat dejjem serraħlu rasu li kien qiegħed jieħu ħsieb kollox hu u li ma kellux għal xiex iħabbel rasu. Jgħid li dan baqa' jsir ukoll meta Eden Leisure Group Limited fetħet il-kawża kontrihom wara l-ħruġ tal-Mandat[18] u kif ukoll meta nfetħet din il-kawża. Jgħid li, b'dan il-mod, qatt ma ngħatatlu l-opportunita' biex juri li la hu u lanqas CDG ma kellhom x'jaqsmu fil-ġrajja.

---

[17] Dok "ELG2", f'paġ. 35 tal-proċess
[18] Rik. Nru. 206/06JRM

Fil-fatt, jiriżulta mill-atti tal-kawża[19] li, xahrejn wara li tressqet it-Tweġiba Maħlufa, l-avukat imsemmi irrinunzja għall-patroċinju tal-imħarrkin Casapinta u CDG u kien minħabba f'hekk ukoll li din il-Qorti tathom il-fakulta' li jressqu Tweġiba Ulterjuri li l-eċċezzjoni taħt eżami tagħmel parti minnha;

Illi l-Qorti tinnota li la l-imħarrek Caruana u lanqas l-imħarrka Sign-It Limited ma jmieru l-fatti msemmija mill-imħarrek Casapinta u CDG. L-attur lanqas ma jikkontesta dak il-fatt. Din il-Qorti tqis li ċirkostanza bħal din, f'kawża fejn il-grad tal-prova dwar l-għamil ta' disprezz irid ikun lil hinn mid-dubju raġonevoli[20], hija element probatorju tali li jimmilita kontra s-sehem tal-parti mħarrka f'dak l-istess għamil u għall-konsegwenzi li jinstiltu minnu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li ntwera tajjeb biżżejjed li la l-imħarrek Casapinta personalment u lanqas CDG ma kellhom x'jaqsmu bl-ebda mod mal-għamil mertu ta' dan il-każ u għalhekk tqis li l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tagħhom hija tajba u sejra tintlaqa'. Minħabba l-istess ċirkostanzi, madankollu, għalkemm il-Qorti sejra teħles lill-istess żewġ imħarrin mill-ħarsien tal-ġudizzju, ma jidhrilhiex li l-attur għandu jerfa' l-ispejjeż dwarhom ukoll għaliex dawn il-fatt bl-ebda mod ma kienu magħrufa minnu u minħabba li l-ordni biex huwa jmexxi għad-disprezz kien ingħatalu fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imħarrkin ukoll;

Illi **dwar ir-rabta ta' persuna ġuridika f'att ta' disprezz** lejn l-awtorita' ta' Qorti, jingħad li huwa miżmum li minkejja li l-proċeduri ta' disprezz, kif ingħad, huma ta' bixra penali, xorta waħda jistgħu jitmexxew kontra persuna ġuridika[21]. Naturalment, minħabba li korp ġuridiku bħal dan ma jagħmilx għemejjel li jagħmluhom il-bnedmin, ir-responsabbilta' titgħabba fuq dawk minn fost l-uffiċjali tal-istess korp li jkunu wettqu l-għamil f'ismu;

---

[19] Paġ. 54 tal-proċess

[20] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Oliver Aġius noe vs Joseph Gatt***

[21] P.A. RCP **17.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri pro et noe et***

Illi għalhekk, meta l-Qorti tgħaddi għall-istħarriġ dwar jekk l-għamil kontestat mill-attur huwiex tassew wieħed li jammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tal-ordni ta' qorti, jridu jitqies is-sehem kemm ta' dawk mill-imħarrkin li huma persuni fiżiċi u kif ukoll dawk ta' persuni legali;

Illi f'dan il-każ ħareġ ċar li, madwar tliet xhur wara li l-Qorti kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, deher reklam f'rivista bl-isem ta' "*Grip – The M.I.A. Flight Magazine*" f'paġna 54 tiegħu fil-ħarġa ta' Lulju, 2006. F'dak ir-reklam b'ittri mdaqqsin, dehret il-kelma "*Arena*" b'rabta mal-istruttura u l-attivitajiet kummerċjali li kienu maħsuba li jibdew isiru ġo fiha fi ftit żmien. Ma jitħalla l-ebda dubju li dik il-kelma qiegħda tirreferi għall-istruttura u hija mxerrda b'mod li hija l-akbar kelma mid-daqs minn kull kelma oħra li hemm fir-reklam. Huwa minnu li l-kelma "Arena" tissemma fil-qafas tal-isem sħiħ tad-ditta barranija li pprovdietha u għamlitha, iżda xorta waħda l-enfasi fir-reklam qiegħed fuq dik il-kelma. Hemm ukoll fattur fir-reklam li jorbotha mal-attivita' kummerċjali tal-kumpannija mħarrka Sign-It Limited. Dan kollu, mad-daqqa t'għajn, jixhed li dak ir-reklam jirreferi għal għamla ta' attivita' li lordni mogħti fil-Mandat ta' Inibizzjoni kien maħsub li jwaqqaf u jżomm;

Illi l-imħarrek Caruana ressaq ix-xhieda tiegħu[22] (bl-argument) fis-sens li ċaħad li, wara l-ħruġ kontrihom tal-Mandat, l-imħarrkin qatt għamlu xi ħaġa li biha kisru l-ordni mogħti. Żied jgħid li hu u l-kumpannija tiegħu daħlu f'nefqiet kbar biex jibdlu kull reklam li kien twaħħal fit-toroq u saħansitra fuq l-istruttura nnifisha li ttellgħet f'Ta' Qali. Qal ukoll li ma kellu l-ebda kontroll fuq ir-reklam inkriminat, għaliex qal li dan kien ilu mħallas minn xhur qabel u ma setax iwaqqaf it-tqassim tar-rivista li deher fiha ladarba dan imur 'il barra mill-kontroll tiegħu;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li tista' toqgħod fuq dawn l-argumenti tal-imħarrek Caruana u l-kumpannija tiegħu. Jibda biex jingħad li r-reklam ħareġ f'edizzjoni tar-rivista (mitbugħa f'Malta) minn tal-anqas tliet xhur wara li nħareġ

[22] Xhieda tiegħu 9.11.2010, f'paġ. 78 tal-proċess

il-Mandat. Dan kien żmien biżżejjed biex l-imħarrkin iżommu r-reklam milli jixxandar jew jibdlulu surtu biex ma tintużax il-kelma “Arena” fih. Fit-tieni lok, fil-qiegħ tal-istess reklam jissemma indirizz ta’ sit elettroniku b’isem (www.maltaconventioncentre.com) li l-imħarrkin infushom jgħidu (fit-tieni paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa tagħhom[23]) li ħalqu u bdew jużaw **wara l-ħruġ tal-Mandat** ta’ Inibizzjoni. Dan ifisser li r-reklam tabilfors intbagħat meta l-Mandat kien diġa’ milqugħ u mhux qabel u għalhekk dak li tniżżel fih biex jixxandar sar bl-għarfien sħiħ taċ-ċirkostanzi min-naħa ta’ min bagħtu biex jidher fir-rivista. Fit-tielet lok, il-fatt li l-kelma “Arena” tirreferi għad-ditta barranija li immanifatturat l-istruttura ma jbiddel xejn mis-saħħa u l-firxa tal-ordni mogħti fil-Mandat ta’ Inibizzjoni. Dan il-punt jidher li lill-imħarrkin jaħarbilhom għal kollox u ma jistgħux jifhmuh. Dan ukoll itennuh fir-raba’ paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa tagħhom u wkoll f’kull att ġudizzjarju li ressqu. Kif ingħad diġa’, il-fatt li parti temmen li għandha raġun jew li l-ordni tal-Qorti ma taqbilx miegħu ma jiswa xejn biex jagħmel għamil ta’ disprezz wieħed mhux ta’ disprezz. L-element li jispikka huwa li l-imħarrkin Caruana u Sign-It baqgħu marbuta ma’ argument li jikkozza mal-ordni mogħti fid-degriet tal-ħruġ tal-Mandat. Dan huwa element li jitfa’ dawl biżżejjed dwar ir-rieda tal-parti f’dak l-għamil;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-imsemmi reklam jikkostitwixxi ksur tal-ordni mogħti mal-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi u bit-tħaddim tal-prinċipji hawn fuq imfissrin, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imġiba tal-imħarrkin Caruana u Sign-It Limited tammonta għal waħda ta’ disprezz lejn il-Qorti li tat l-istess degriet u t-talbiet tal-attur jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin Tonio Casapinta u Casapinta Design Group Limited u ssib li

[23] Paġ. 52 tal-proċess

huma ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi billi seħħilhom juru li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-għamil li dwaru nfetħet din il-kawża. Teħles lill-imsemmija żewġ imħarrkin milli jibqgħu fil-kawża, iżda minħabba r-raġunijiet imsemmija fis-sentenza, tordna li l-ispejjeż tagħhom ma jintrefgħux mill-attur;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-imħarrkin Paul Reuben Caruana u Sign-It Limited ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha għall-finijiet tal-artikoli 995 u 997(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu, flimkien u solidalment bejniethom, multa ta' ħames mitt euro (€ 500), fi żmien erbat (4) ijiem tax-xogħol mil-lum, konvertibbli skond il-każ f'detenzjoni kif jipprovdi l-artikolu 1002; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin Caruana u Sign-It Limited iħallsu wkoll l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------